MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2012

Numru. 41/2012

Il-Pulizija
(Supretendent Simon Galea
Spettur Bernard Charles Spiteri)

kontra

Emanuel Zammit ta’ 55 sena, iben Joseph u Antoinette née Farrugia, imwieled il-Floriana, Malta fit-13 ta’ Diċembru 1956 u residenti 43, Triq l-Ixprunara, Għajnsielem, Għawdex, numru tal-karta tal-identità numru 818956M.

Illum l-4 ta’ Mejju 2012

Il-Qorti;

Rat l-akkuża li permezz tagħha l-imsemmi Emanuel Zammit ġie akkużat talli:

Fl-4 ta’ Mejju 2012 u/jew fix-xhur ta’ qabel, f’diversi nħawi ta’ Malta, b’diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda:

1. sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

2. għamel xi dikjarazzjoni falza, jew ta xi tagħrif falz, jew produċa xi dokument falz għal xi wieħed mill-għanijiet ta’ Att Dwar il-Karta tal-Identità meta kien jaf li dan huwa falz.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u ċioé bħala dokument “SG1” kopja tal-fedina penali tal-imputat; bħala dokument “SG2” kopja fotostatika tal-applikazzjoni tal-imputat sabiex jibdel l-indirizz tiegħu datata tlieta (3) ta’ Mejju elfejn u tnax (2012). Rat ukoll bħala dokument “SG4” dikjarazzjoni ta’ rifjut tal-jedd għall-parir legali ffirmata mill-imputat; u bħala dokument “SG5” l-istqarrija rilaxxata mill-istess imputat quddiem is-Supretendent Simon Galea u l-Ispettur Bernard Spiteri, iffirmata mill-istess Emanuel Zammit.

Il-Qorti semgħet lill-imputat jammetti l-akkużi kif dedotti u dana wara li l-Qorti wissietu sabiex jerġa’ jikkonsidra din l-ammissjoni.

Semgħet lis-Supretendent Galea jixhed u jispjega ċ-ċirkostanzi tal-każ u li l-imputat ikkopera bi sħiħ miegħu;

Il-Qorti, għalhekk, fuq din ammissjoni, issib lill-imputat ħati.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ u in vista tal-koperazzjoni tiegħu u l-ammisjoni bikrija tiegħu, wara li rat l-artiklu 188 tal-Kap. 9 u l-artiklu 14(2)(d) tal-Kap 258, tikkundannah għal sentejn priġunerija sospiżi għal erba’ (4) snin, u dana wara li fissret lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju Elettorali Ewlieni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------